ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 182

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

12 ta' Lulju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 809/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward ta' drift-nets (għeżul tal-mitlaq)** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 811/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 917/2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 dwar miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' l-apikultura** ........ 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 812/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzoni ta' kwota tariffarja għal-laħam tal-majjal allokata lill-Istati Uniti ta' l-Amerika** 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 813/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn it-2 u s-6 ta' Lulju 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali ........ 15

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam** [1] ........ 19

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2007/485/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2007 li tawtorizza l-Awstrija tikkonkludi ftehim ma' l-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** ........ 29

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)



MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

**Kummissjoni**

2007/486/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar proċedura skond l-Artikolu 65 tat-Trattat li istabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (Każ Nru COMP/F/39.234 – Alloy surcharge – adozzjoni mill-ġdid)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 6765)* ................ 31

2007/487/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2007 dwar l-allokazzjoni lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjoni VIIe ta' l-ICES** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3212)* ................ 33

2007/488/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2007 li tagħti eżenzjonijiet lill-Italja skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE għat-trasport tal-ħnieżer għat-tbiċċir fuq it-toroq privati u pubbliċi lejn il-biċċeriji ġewwa żoni ta' protezzjoni fi Cremona** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3314)* ................ 34

2007/489/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda fil-ġlieda kontra l-marda ta' Newcastle fid-Danimarka fl-2005** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3315)* .... 36

FTEHIM

**Kunsill**

★ **Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra** ................ 37

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 809/2007

**tat-28 ta' Ġunju 2007**

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward ta' drift-nets (għeżul tal-mitlaq)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/97 tad-29 ta' April 1997 li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd [1] jistabbilixxi qafas ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-forma ta' limitazzjoni ġenerali globali fir-rigward tat-tul tad-drift-nets (għeżul tal-mitlaq) sa massimu ta' 2.5 km, kif ukoll projbizzjoni fuq l-użu jew iż-żamma abbord ta' drift-nets maħsuba għall-qabda ta' ċerti speċi. Din il-projbizzjoni tapplika għall-bastimenti Komunitarji tas-sajd bl-eċċezzjoni ta' dawk li jaħdmu fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound ta' l-Øresund.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd [2] jistabbilixxi l-ħtiġijiet rigward l-użu ta' apparati akustiċi deterrenti u l-monitoraġġ ta' qabdiet inċidentali ta' ċetaċji f'ċerti żoni tas-sajd bid-drift-net.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound [3] jistabbilixxi r-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet għall-użu tad-drift-net f'din iż-żona regolata.

(4) Dawk ir-Regolamenti, madankollu, ma fihomx definizzjoni ta' drift-net. Għall-finijiet ta' ċarezza u sabiex tiġi ffaċilitata l-uniformità fil-prattika ta' monitoraġġ fost l-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni uniformi ta' drift-net f'dawk it-tliet atti kollha.

(5) L-istabbiliment ta' definizzjoni ta' drift-net ma jespandix il-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet għall-użu ta' drift-net implimentati fid-dritt Komunitarju.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 għandhom, għalhekk, jiġu emendati skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 894/97 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. "Drift-net (għeżul tal-mitlaq)" tfisser: kull għeżul tal-garġi miżmum fuq wiċċ il-baħar jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' sufri jew apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarru mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent.

(1) ĠU L 132, 23.5.1997, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1239/98 (ĠU L 171, 17.6.1998, p. 1).
(2) ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12.
(3) ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

2. Ebda bastiment ma jista' jżomm abbord, jew juża għas-sajd, drift-net wieħed jew aktar li t-tul individwali jew totali tiegħu jkun aktar minn 2.5 kilometri".

*Artikolu 2*

Fir-Regolament (KE) Nru 812/2004, għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 1a*

**Definizzjonijiet**

"Drift-net (għeżul tal-mitlaq)" tfisser: kull għeżul tal-garġi miżmum fuq wiċċ il-baħar jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' sufri jew apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarru mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent.".

*Artikolu 3*

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"(o) "Drift-net (għeżul tal-mitlaq)" tfisser: kull għeżul tal-garġi miżmum fuq wiċċ il-baħar jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' sufri jew apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarru mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent.".

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 810/2007

## tal-11 ta' Lulju 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 48,1 |
| | TR | 83,4 |
| | XS | 23,6 |
| | ZZ | 51,7 |
| 0707 00 05 | JO | 151,2 |
| | TR | 115,8 |
| | ZZ | 133,5 |
| 0709 90 70 | TR | 86,4 |
| | ZZ | 86,4 |
| 0805 50 10 | AR | 55,2 |
| | UY | 51,0 |
| | ZA | 56,7 |
| | ZZ | 54,3 |
| 0808 10 80 | AR | 86,2 |
| | BR | 88,2 |
| | CL | 89,9 |
| | CN | 99,5 |
| | NZ | 101,4 |
| | US | 103,8 |
| | UY | 59,1 |
| | ZA | 89,6 |
| | ZZ | 89,7 |
| 0808 20 50 | AR | 76,7 |
| | CL | 84,4 |
| | CN | 59,8 |
| | NZ | 99,0 |
| | ZA | 103,7 |
| | ZZ | 84,7 |
| 0809 10 00 | TR | 199,7 |
| | ZZ | 199,7 |
| 0809 20 95 | TR | 283,7 |
| | US | 481,7 |
| | ZZ | 382,7 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 129,4 |
| | ZZ | 129,4 |
| 0809 40 05 | IL | 124,1 |
| | ZZ | 124,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 811/2007**

**tal-11 ta' Lulju 2007**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 917/2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 dwar miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' l-apikultura**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' l-apikultura ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġi evitat kull riskju ta' ambigwità, jeħtieġ li l-Artikolu 2, paragrafu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 917/2004 ([2]) jistabbilixxi b'mod ċar li l-miżuri fil-programmi dwar l-apikultura għandhom jiġu implimentati qabel tmiem is-sena li jirreferu għaliha.

(2) Il-possibbiltà li jiġu emendati l-limiti finanzjarji ta' kull miżura fi programm dwar l-apikultura matul l-eżerċizzju annwali, mingħajr ma tali emendi ma jiġu approvati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004, attwalment hija limitata għal massimu ta' 20 % ta' dawk il-limiti finanzjarji.

(3) Dan il-limitu ta' 20 % huwa meqjus bħala wieħed restrittiv mil-lat ta' amministrazzjoni, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. Għalhekk dan għandu jitneħħa.

(4) Bil-għan li tinkiseb simplifikazzjoni, l-adattament tal-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura tul sena jista' jsir iktar flessibbli u b'hekk ikunu jistgħu jitneħħew il-limiti f'allokazzjoni baġitarja ġdida skond it-tip ta' miżuri fi ħdan il-baġit allokat għal kull Stat Membru.

(5) Jeħtieġ ikun hemm dispożizzjonijiet biex l-adattament tal-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni minħabba li ma kienx sar hekk fil-programm triannwali kkomunikat inizjalment.

(6) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 917/2004 jiġi emendat.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u għall-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 917/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jinbidel kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa mħassar;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza għandha tinbidel bit-test li ġej:

"Il-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura, previsti għal kull sena matul il-perjodu ta' tliet snin, għandhom jiġu applikati bi sħiħ sal-31 ta' Awwissu tas-sena li matulha jkun qed jitwettaq l-eżerċizzju, li jirreferu għaliha."

(2) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Sakemm jibqgħu konformi ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004, il-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura jistgħu jiġu adattati matul l-eżerċizzju annwali. Il-limiti finanzjarji ta' kull waħda mill-miżuri msemmija jistgħu jiġu emendati sakemm ma jinqabiżx il-limitu totali tal-previżjonijiet ta' l-ispejjeż annwali u li l-kontribut finanzjarju tal-Komunità fil-programmi dwar l-apikultura ma jaqbiżx il-50 % ta' l-ispejjeż ta' l-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'kull abbozz ta' adattament tal-miżuri matul l-eżerċizzju annwali skond l-ewwel paragrafu minħabba li ma kienx sar hekk fil-programm triannwali kkomunikat inizjalment. Jekk il-Kummissjoni ma toġġezzjonax, l-adattament previst isir applikabbli mill-ewwel jum tat-tieni xahar minn wara n-notifika msemmija.

Sa mhux aktar tard minn xahrejn wara kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummmissjoni sommarju ta' l-implimentazzjoni ta' l-ispejjeż skond l-azzjoni."

(3) L-Artikolu 7 huwa mħassar.

([1]) ĠU L 125, 28.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 812/2007**

**tal-11 ta' Lulju 2007**

**li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzoni ta' kwota tariffarja għal-laħam tal-majjal allokata lill-Istati Uniti ta' l-Amerika**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([1]), u partikolarment l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikolu XXIV(6), u ta' l-Artikolu XXVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi Doganali u l-Kummerċ (GATT) ta' l-1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fil-listi ta' impenn tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, fil-qafas ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea ([2]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE ([3]), jipprovdi dwar il-ftuħ ta' kwota tariffarja ta' l-importazzjoni speċifika ta' 4 722 tunnellata ta' laħam tal-majjal allokata lill-Istati Uniti.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1233/2006 tas-16 ta' Awissu 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarrja ta' l-importazzjoni għal-laħam tal-majjal mogħtija lill-Istati Uniti ta' l-Amerika ([4]) jeħtieġ li jiġi mmodifikat sostanzjalment. Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1233/2006 jitħassar u jiġi sostitwit b'regolament ġdid.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([5]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji ta' l-importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti permezz ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([6]), ħlief fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

(4) Sabiex tiġi żgurata r-regolarità ta' l-importazzjonijiet, jeħtieġ li l-perjodu tal-kwota mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara jinqasam f'diversi perjodi sekondarji. F'kull każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita t-tul tal-validità tal-liċenzji sa l-aħhar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

(5) Jeħtieġ li l-ġestjoni tal-kwota tariffarja tiġi żgurata permezz ta' liċenzji ta' l-importazzjoni. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu definiti r-regoli għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u t-tagħrif li għandu jingħata fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji.

(6) Ir-riskju ta' l-ispekulazzjoni li hemm fis-sistema kkonċernata fis-settur tal-laħam tal-majjal jitlob li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet preċiżi biex l-operaturi jingħataw aċċess għas-sistema tal-kwota tariffarja.

(7) Biex tiġi żgurata ġestjoni adegwata tal-kwoti tariffarji, jeħtieġ li l-ammont tal-garanzija relattiva għal-liċenzji ta' l-importazzjoni jiġi stabbilit fil-livell ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma.

(8) Fl-interess ta' l-operaturi, jeħtieġ li jkun previst li l-Kummissjoni tiddetermina l-kwantitajiet li għalihom ma jkunux saru applikazzjonijiet u li jiżdiedu mal-perjodu sekondarju tal-kwota skond l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

(9) L-aċċess għall-kwota tariffarja jeħtieġlu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([7]).

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

([1]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15.
([3]) ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.
([4]) ĠU L 225, 17.8.2006, p. 14.
([5]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).
([6]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).
([7]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan qed tinfetaħ, fuq bażi annwali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 4 722 tunnellata ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-majjal li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Il-kwota għandha n-numru tas-serje 09.4170.

2. Il-kodiċijiet tan-NM tal-prodotti li jibbenefikaw mill-kwota msemmija fil-paragrafu 1 u d-dazji doganali applikabbli huma stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ħlief fejn ir-Regolament preżenti jipprovdi mod ieħor.

*Artikolu 3*

Il-kwantità stabbilita għall-perjodu annwali tal-kwota għandha titqassam kif ġej f'erba' perjodi sekondarji:

a) 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

b) 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru,

c) 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

d) 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

*Artikolu 4*

1. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, min japplika għal liċenzja ta' l-importazzjoni, fil-waqt tat-tressiq ta' l-ewwel applikazzjoni tiegħu fir-rigward ta' perjodu partikolari annwali tal-kwota, għandu jagħti prova li, matul kull wieħed miż-żewġ perjodi stipulati fl-imsemmi Artikolu 5, ikun importa jew esporta talanqas 50 tunnellata ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

2. L-applikazzjoni għal liċenzja tista' tkopri diversi prodotti li jaqgħu taħt kodiċijiet tan-NM differenti u li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. F'dan il-każ, jeħtieġ li l-kodiċijiet kollha tan-NM u d-deżinjazzjonijiet tagħhom jitniżżlu, rispettivament, fil-kaxex 16 u 15 ta' l-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja nnifisha.

Applikazzjoni għal liċenzja jeħtiġilha tkopri minimu ta' 20 tunnellata u massimu ta' 20 % tal-kwantità disponibbli matul il-perjodu sekondarju kkonċernat.

3. Il-liċenzji jobbligaw li l-importazzjoni ssir mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

4. L-applikazzjoni għal liċenzja u l-liċenzja nnifisha għandu jkun fihom:

a) fil-kaxxa 8, jiġu mmarkati b'salib l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-kelma "iva",

b) fil-kaxxa 20, waħda mill-entrati li jingħataw fl-Anness II, il-parti A.

Il-liċenzja għandu jkun fiha, fil-kaxxa 24, waħda mill-entrati li jingħataw fl-Anness II, il-parti B.

*Artikolu 5*

1. Applikazzjoni għal liċenzja ma tistax titressaq ħlief matul l-ewwel seba' ġranet tax-xahar qabel kull perjodu sekondarju msemmi fl-Artikolu 3.

2. Mat-tressiq ta' applikazzjoni għal liċenzja, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali, espressi f'kilogrammi, li għalihom ikunu tressqu applikazzjonijiet.

4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu mis-seba' ġurnata tax-xogħol, u mhux aktar tard mill-ħdax-il ġurnata tax-xogħol, wara tmiem il-perjodu ta' komunikazzjoni pprovdut bil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, jekk ikun il-każ, il-kwantitajiet li għalihom ma jkunux tressqu applikazzjonijiet u li għandhom jiżdiedu awtomatikament mal-kwantità stabbilita għall-perjodu sekondarju tal-kwota ta' wara.

*Artikolu 6*

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem l-ewwel xahar ta' kull perjodu sekondarju tal-kwota, il-kwantitajiet totali, espressi f'kilogrammi, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament imsemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali tal-kwota, il-kwantitajiet, espressi f'kilogrammi, li fil-fatt ikunu tqiegħdu fis-suq skond dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat.

3. B'deroga mill-Artikolu 11(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, il-kwantitajiet totali, espressi f'kilogrammi, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni li ma ntużawx jew intużaw biss parzjalment, l-ewwel darba fl-istess waqt tat-talba għall-aħħar perjodu sekondarju, u darba oħra qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali.

*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandha tkun mija u ħamsin jum mill-ewwel jum tal-perjodu sekondarju li għalih ikunu nħarġu.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, it-trasferiment tad-drittijiet mogħtija bil-liċenzji huwa llimitat għall-konċessjonarji li jissodisfaw il-kundizzzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament preżenti.

*Artikolu 8*

It-tqegħid fil-kummerċ ħieles huwa suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikoli 55 u 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. L-oriġini tal-prodotti koperti bir-Regolament preżenti għandha tkun iddeterminata skond ir-regoli Komunitarji fis-seħħ.

*Artikolu 9*

Ir-Regolament (KE) Nru 1233/2006 b'dan huwa mħassar.

Ir-referenzi li jsiru għar-regolament mħassar għandhom jinftiehmu li jkunu qed isiru għar-Regolament preżenti, u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrispondenza li tingħata fl-Anness III.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

| Numru tas-serje | Kodiċijiet tan-NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Ħlas applikabbli | Kwantità totali f'tunnellati (il-piż tal-prodotti) |
|---|---|---|---|---|
| 09.4170 | ex 0203 19 55<br>ex 0203 29 55 | Lonżiet u prieżet dissussati friski, mkessħa jew iffriżati | EUR 250/tunnellata | 4 722 |

*ANNESS II*

PARTI A

**Elementi msemmija fl-Artikolu 4(4), l-ewwel inċiż, punt b):**

| | |
|---|---|
| *bil-Bulgaru:* | Регламент (ЕО) № 812/2007. |
| *bl-Ispanjol:* | Reglamento (CE) nº 812/2007. |
| *biċ-Ċek:* | Nařízení (ES) č. 812/2007. |
| *bid-Daniż:* | Forordning (EF) nr. 812/2007. |
| *bil-Ġermaniż:* | Verordnung (EG) Nr. 812/2007. |
| *bl-Estonjan:* | Määrus (EÜ) nr 812/2007. |
| *bil-Grieg:* | Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 812/2007. |
| *bl-Ingliż:* | Regulation (EC) No 812/2007. |
| *bil-Franċiż:* | Règlement (CE) nº 812/2007. |
| *bit-Taljan:* | Regolamento (CE) n. 812/2007. |
| *bil-Latvjan:* | Regula (EK) Nr. 812/2007. |
| *bil-Litwan:* | Reglamentas (EB) Nr. 812/2007. |
| *bl-Ungeriż:* | 812/2007/EK rendelet. |
| *bil-Malti:* | Ir-Regolament (KE) Nru 812/2007. |
| *bl-Olandiż:* | Verordening (EG) nr. 812/2007. |
| *bil-Pollakk:* | Rozporządzenie (WE) nr 812/2007. |
| *bil-Portugiż:* | Regulamento (CE) n.º 812/2007. |
| *bir-Rumen:* | Regulamentul (CE) nr. 812/2007. |
| *bis-Slovakk:* | Nariadenie (ES) č. 812/2007. |
| *bis-Sloven:* | Uredba (ES) št. 812/2007. |
| *bil-Finlandiż:* | Asetus (EY) No: 812/2007. |
| *bl-Iżvediż:* | Förordning (EG) nr 812/2007. |

PARTI B

**Elementi msemmija fl-Artikolu 4(4), it-tieni inċiż:**

| | |
|---|---|
| *bil-Bulgaru:* | намаляване на общата митническа тарифа съгласно предвиденото в Регламент (ЕО) № 812/2007. |
| *bl-Ispanjol:* | reducción del arancel aduanero común prevista en el Reglamento (CE) nº 812/2007. |
| *biċ-Ċek:* | snížení společné celní sazby tak, jak je stanoveno v nařízení (ES) č. 812/2007. |
| *bid-Daniż:* | toldnedsættelse som fastsat i forordning (EF) nr. 812/2007. |
| *bil-Ġermaniż:* | Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß Verordnung (EG) Nr. 812/2007. |
| *bl-Estonjan:* | ühise tollitariifistiku maksumäära alandamine vastavalt määrusele (EÜ) nr 812/2007. |
| *bil-Grieg:* | Μείωση του δασμού του κοινού δασμολογίου, όπως προβλέπεται στον κανονισμό (ΕΚ) αριθ. 812/2007. |
| *bl-Ingliż:* | reduction of the common customs tariff pursuant to Regulation (EC) No 812/2007. |
| *bil-Franċiż:* | réduction du tarif douanier commun comme prévu au règlement (CE) nº 812/2007. |
| *bit-Taljan:* | riduzione del dazio della tariffa doganale comune a norma del regolamento (CE) n. 812/2007. |
| *bil-Latvjan:* | Regulā (EK) Nr. 812/2007 paredzētais vienotā muitas tarifa samazinājums. |
| *bil-Litwan:* | bendrojo muito tarifo muito sumažinimai, nustatyti Reglamente (EB) Nr. 812/2007. |
| *bl-Ungeriż:* | a közös vámtarifában szereplő vámtétel csökkentése a 812/2007/EK rendelet szerint. |
| *bil-Malti:* | tnaqqis tat-tariffa doganali komuni kif jipprovdi r-Regolament (KE) Nru 812/2007. |
| *bl-Olandiż:* | Verlaging van het gemeenschappelijke douanetarief overeenkomstig Verordening (EG) nr. 812/2007. |
| *bil-Pollakk:* | Cła WTC obniżone jak przewidziano w rozporządzeniu (WE) nr 812/2007. |
| *bil-Portugiż:* | redução da Pauta Aduaneira Comum como previsto no Regulamento (CE) n.º 812/2007. |
| *bir-Rumen:* | reducerea tarifului vamal comun astfel cum este prevăzut de Regulamentul (CE) nr. 812/2007. |
| *bis-Slovakk:* | Zníženie spoločnej colnej sadzby, ako sa ustanovuje v nariadení (ES) č. 812/2007. |
| *bis-Sloven:* | znižanje skupne carinske tarife v skladu z Uredbo (ES) št. 812/2007. |
| *bil-Finlandiż:* | Asetuksessa (EY) N:o 812/2007 säädetty yhteisen tullitariffin alennus. |
| *bl-Iżvediż:* | nedsättning av den gemensamma tulltaxan i enlighet med förordning (EG) nr 812/2007. |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrispondenza**

| Ir-Regolament (KE) Nru 1233/2006 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| l-Artikolu 1 | l-Artikolu 1 |
| l-Artikolu 2 | l-Artikolu 3 |
| l-Artikolu 3 | — |
| l-Artikolu 4(1)(a) | l-Artikolu 4(1) |
| l-Artikolu 4(1)(b) | l-Artikolu 4(2), l-ewwel inċiż |
| l-Artikolu 4(1)(c) | l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż |
| l-Artikolu 4(1)(d) | l-Artikolu 4(3) |
| l-Artikolu 4(1)(e) | l-Artikolu 4(3) |
| l-Artikolu 4(1)(f) | l-Artikolu 4(3) |
| l-Artikolu 4(2) | — |
| l-Artikolu 5(1), l-ewwel inċiż | l-Artikolu 5(1) |
| l-Artikolu 5(1), it-tieni inċiż | — |
| l-Artikolu 5(2) | — |
| l-Artikolu 5(3) | l-Artikolu 5(2) |
| l-Artikolu 5(4), l-ewwel inċiż | l-Artikolu 5(3) |
| l-Artikolu 5(4), it-tieni inċiż | — |
| l-Artikolu 5(5) | — |
| l-Artikolu 5(6) | — |
| l-Artikolu 5(7) | — |
| l-Artikolu 5(8), l-ewwel inċiż | l-Artikolu 5(4) |
| l-Artikolu 5(9) | — |
| l-Artikolu 5(10) | l-Artikolu 6(2) |
| l-Artikolu 6(1), l-ewwel inċiż | l-Artikolu 7(1) |
| l-Artikolu 6(1), it-tieni inċiż | — |
| l-Artikolu 6(2) | — |
| l-Artikolu 7 | l-Artikolu 8 |
| l-Artikolu 8, l-ewwel inċiż | l-Artikolu 2 |
| l-Artikolu 8, it-tieni inċiż | — |

| Ir-Regolament (KE) Nru 1233/2006 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| l-Artikolu 9 | l-Artikolu 10 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II, Parti A |
| Anness III | Anness II, Parti B |
| Anness IV | — |
| Anness V | — |
| Anness VI | — |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 813/2007

## tal-11 ta' Lulju 2007

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn it-2 u s-6 ta' Lulju 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-snin ta' negozju 2006/07, 2007/08 u 2008/09 sabiex jiġu importati u raffinati prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali [2], u partikolarment Artikolu 5 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ġew sottomessi lill-awtorità kompetenti fil-ġimgħa ta' bejn it-2 u s-6 ta' Lulju 2007 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor b'riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija [3] għall-kwantità totali bħall-kwantità disponibbli għan-numru tas-serje 09.4343 (2006-2007).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skond il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u tinforma lill-Istati Membri li l-limitu li kien ġie iffissat intlaħaq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għandhom jiġu maħruġa fil-limiti kwantitattivi li ġew stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-applikazzjonjiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa bejn it-2 u s-6 ta' Lulju 2007, f'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

(2) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2006/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 95).

(3) ĠU L 354, 14.12.2006, p. 8.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta’ bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta’ l-Ivorju | 0 | Intlaħqu |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 0 | Intlaħqu |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 0 | Intlaħqu |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 0 | Intlaħqu |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta’ bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta’ l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor kumplimentari**

**Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | 100 | |
| 09.4316 | Il-pajjiżi firmatarji tal-Protokol ta' l-AKP | 100 | |

**Il-konċessjonijiet taz-zokkor għal CXL**

**Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 0 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Iz-zokkor tal-Balkani**

**It-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja-Ħerżegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor f'każ eċċezzjonali u l-importazzjoni taz-zokkor industrijali**

**It-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| In-nru tas-Serje | Tip | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | F'każ eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**Kapitolu 1 Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006**

**Is-sena tas-suq 2006/07**

| Ordni Nru | Tip | Ġimgħa ta' bejn 2.7.2007-6.7.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 0 | Intlaħqu |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2007/43/KE

## tat-28 ta' Ġunju 2007

## li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

(1) Il-Protokoll dwar il-protezzjoni u l-benesseri ta' l-annimali anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jirrikjedi li fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika agrikola, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-benesseri ta' l-annimali, filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi u d-drawwiet ta' l-Istati Membri partikolarment dawk konnessi ma' riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u patrimonju reġjonali.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għal għanijiet agrikoli ([3]), imfassla abbażi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal Għanijiet Agrikoli ([4]) (hawn aktar 'il quddiem "il-Konvenzjoni") tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni ta' annimali mrobbija jew miżmuma għal għanijiet agrikoli inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-ilma u l-attenzjoni xierqa lill-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi ta' l-annimali.

(3) Il-Komunità hija parti għall-Konvenzjoni li fil-qafas tagħha ġiet adottata Rakkomandazzjoni speċifika dwar it-tiġieġa domestika (*Gallus gallus*) li tinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali għat-tjur ta' l-irziezet miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam.

(4) Ir-rapport tal-Kumitat Xjentifiku fuq is-Saħħa u l-Benesseri ta' l-Annimali tal-21 ta' Marzu 2000 dwar il-Benesseri tat-Tiġieġ Miżmum għall-Produzzjoni tal-Laħam (Brojlers) ikkonkluda li r-rata ta' tkabbir mgħaġġla tal-varjetajiet tat-tiġieġ użati attwalment għal dan il-għan mhix akkumpanjata minn livell sodisfaċenti ta' saħħa u benesseri ta' l-annimali, u li l-effetti negattivi tar-rati għolja ta' l-istokkjar jitnaqqsu f'bini fejn jistgħu jiġu sostnuti kundizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa tajbin.

(5) Dispożizzjonijiet speċifiċi għal żoni mhux mifruxa, biex tiġi minimizzata l-influwenza ta' parametri ġenetiċi jew biex jiġu inklużi indikaturi ta' benesseri flimkien mad-dermatite tal-kuxxinett tas-sieq ser jiġu stabbiliti meta jkunu disponibbli l-opinjonijiet rilevanti ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA).

(6) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli fil-livell Komunitarju għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam sabiex jiġi evitat tfixkil għall-kompetizzjoni li jista' jinterferixxi fit-tmexxija mingħajr skossi ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni f'dak is-settur u wkoll sabiex jiġi aċċertat l-iżvilupp razzjonali tas-settur.

(7) Bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u sabiex jinkiseb l-għan bażiku li jiġu introdotti titjibiet fit-trobbija intensa tat-tiġieġ, jeħtieġ u jixraq li jiġu stabbiliti regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ għall-produzzjoni tal-laħam. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi mmirati, f'konformità mat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.

(8) Ir-regoli għandhom jikkonċentraw fuq il-problemi ta' benesseri fis-sistemi tat-trobbija intensiva. Sabiex jiġi evitat li jkun hemm miżuri diżproporzjonali applikabbli għaż-żamma ta' qatgħat żgħar ta' tiġieġ, għandu jiġi ffissat limitu minimu għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

([1]) Opinjoni tal-14 ta' Frar 2006 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tas-26 ta' Ottubru 2005 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
([4]) ĠU L 323, 17.11.1978, p. 14. Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll ta' emenda (ĠU L 395, 31.12.1992, p. 22).

(9) Huwa importanti li dawk il-persuni li jieħdu ħsieb it-tiġieġ ikunu jifhmu fil-ħtiġiet rilevanti tal-benesseri ta' l-annimali u li jingħataw taħriġ xieraq biex iwettqu l-kompiti tagħhom jew li jkunu kisbu esperjenza ekwivalenti għal tali taħriġ.

(10) Fl-istabbiliment tar-regoli għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam, għandu jinżamm bilanċ bejn l-aspetti varji li jridu jiġu meqjusa, f'dawk li huma benesseri u saħħa ta' l-annimali, il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u soċjali u l-impatt ambjentali.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali intenzjonati għall-konsum uman ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika ta' konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali ([2]) diġà jistabbilixxu qafas għall-kontrolli uffiċjali inkluż il-konformità ma' xi regoli dwar il-benesseri ta' l-annimali. Barra minn dan, ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontroll nazzjonali pluriennali, inklużi r-riżultati tal-kontrolli u l-verifiki mwettqa. Għal dan l-għan hu previst appoġġ finanzjarju kemm f'dawn ir-regolamenti kif ukoll fid-Deċiżjoni 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([3]).

(12) Għadd ta' skemi voluntarji jeżistu diġà fi Stati Membri differenti għall-ittikkettar ta' laħam tat-tiġieġ ibbażat fuq il-konformità ma' l-istandards tal-benesseri ta' l-annimali u parametri oħra.

(13) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tat-tali skemi voluntarji ta' ttikkettar, jixraq li l-Kummissjoni tissottometti rapport dwar l-introduzzjoni possibbli ta' skema ta' ttikkettar mandatorja armonizzata speċifika fil-livell Komunitarju għal-laħam tat-tiġieġ, prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet ibbażati fuq il-konformità ma' l-istandards tal-benesseri ta' l-annimali, inklużi l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi possibbli, l-effetti fuq l-imsieħba ekonomiċi tal-Komunità u l-konformità tat-tali skema ta' ttikkettar mar-regoli ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(14) Jixraq li l-Kummissjoni tissottemetti rapport ibbażat fuq l-evidenza xjentifika ġdida bil-kunsiderazzjoni ta' aktar riċerka u esperjenza prattika sabiex jitkompla jitjieb il-benesseri tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam inkluż l-istokk ta' parentela tat-tali tiġieġ, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-aspetti mhux koperti minn din id-Direttiva. Dak ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod speċifiku l-possibbilta' biex jiġu introdotti limiti massimi għal indikaturi ta' kondizzjonijiet ta' benesseri ħżiena identifikati matul l-ispezzjonijiet post-mortem u l-influwenza tal-parametri ġenetiċi fuq id-defiċjenzi identifikati li jirriżultaw f'nuqqas ta' benesseri tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam.

(15) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(16) Il-Kunsill, skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([4]), għandu jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, ser juru il-korrelazzjoni bejn id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom pubbliċi.

(17) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni ([5]),

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam.

Madankollu, m'għandhiex tapplika għal:

(a) azjendi b'inqas minn 500 tiġieġa;

(b) azjendi li għandhom biss stokks ta' tiġieġ għat-tgħammir;

(ċ) imfaqas;

(d) tiġieġ imrobbija b'mod estensiv ġewwa jew fil-beraħ, kif imsemmija fil-punti b), ċ), d), e) ta' l-Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 tal-5 ta' Ġunju tal-1991 li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' tqegħid fis-suq għat-tjur ([6]), u

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Verżjoni rettifikata fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni rettifikata fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006.
([3]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006.
([4]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1. Verżjoni rettifikata fil-ĠU C 4, 8.1.2004, p. 7.
([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/516/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
([6]) ĠU L 143, 7.6.1991, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2029/2006 (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 29).

(e) tiġieġ imrobbija b'mod organiku skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 tal-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel ([1]).

2. Id-Direttiva għandha tapplika għat-trobbija ta' stokk f'azjendi li għandhom kemm stokks tat-tgħammir kif ukoll stokks tat-trobbija.

L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jieħdu miżuri aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Ir-responsabbiltà primarja għall-benesseri ta' l-annimali hija tal-proprjetarju jew il-kustodju ta' l-annimali.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "sid" tfisser kwalunkwe persuna jew persuni fiżiċi jew legali li jippossiedu l-azjenda fejn jinżammu t-tiġieġ;

(b) "kustodju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali responsabbli jew inkarigata mit-tiġieġ f'termini ta' kuntratt jew bil-liġi fuq bażi kemm permanenti kif ukoll temporanja;

(ċ) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti li jwettaq kontrolli tal-benesseri ta' l-annimali, veterinarji u żootekniċi jew kwalunkwe awtorità oħra li ngħatat dik il-kompetenza fuq livell reġjonali, lokali jew ieħor;

(d) "veterinarju uffiċjali" ifisser veterinarju li jkun ikkwalifikat skond l-Anness I, Taqsima III, Kapitolu IV (A) għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 sabiex jaġixxi fit-tali kapaċità u li jkun maħtur mill-awtorità kompetenti;

(e) "tiġieġa" tfisser annimal ta' l-ispeċi *Gallus gallus* miżmum għall-produzzjoni tal-laħam;

(f) "stabbiliment" tfisser lok tal-produzzjoni fejn jinżammu t-tiġieġ;

(g) "binja" tfisser bini fl-azjenda fejn tinżamm qatgħa ta' tiġieġ;

(h) "żona użabbli" tfisser żona mifruxa f'maqjel aċċessibbli fi kwalunkwe ħin għat-tiġieġ;

(i) "densità ta' l-istokkjar" tfisser il-piż totali ħaj ta' tiġieġ li huma preżenti f'dar fl-istess waqt għal kull metru kwadru ta' area li tista' tiġi wżata;

(j) "qatgħa" tfisser grupp ta' tiġieġ li jitpoġġa f'binja ta' azjenda u li huma preżenti f'din il-binja fl-istess ħin;

(k) "rata ta' mortalità ta' kuljum" tfisser in-numru ta' tiġieġ li mietu f'binja fl-istess ġurnata inkluż dawk li ġew maqtula minħabba mard jew minħabba raġunijiet oħra diviż bin-numru ta' tiġieġ preżenti fil-binja f'dak il-jum; immultiplikat b'100;

(l) "rata ta' mortalità ta' kuljum kumulattiva" tfisser it-total tar-rati ta' mortalità ta' kuljum.

2. Id-definizzjoni ta' "żona użabbli" fil-paragrafu 1 punt (h) rigward żoni mhux mifruxa tista' titkompla skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11 wara r-riżultati ta' opinjoni xjentifika ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel dwar l-impatt ta' żoni mhux mifruxa fuq il-benesseri tat-tiġieġ.

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti għaż-żamma tat-tiġieġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-binjiet kollha jikkonformaw mal-ħtiġiet imniżżla fl-Anness I;

(b) l-ispezzjonijiet meħtieġa u l-monitoraġġ u s-segwitu, inkluż dawk previsti fl-Anness III, huma mwettqa mill-awtorità kompetenti jew il-veteranju uffiċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-densità massima ta' stokkjar f'ażjenda jew f'bini ta' ażjenda ma teċċedi fl-ebda ħin 33 kg/m$^2$.

3. Bħala deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li t-tiġieġ jinżammu f'densità ta' stokkjar ogħla sakemm is-sid jew kustodju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tingħata deroga taħt il-paragrafu 3, id-densità massima ta' stokkjar f'ażjenda jew f'bini ta' ażjenda ma teċċedi fl-ebda ħin 39 kg/m$^2$.

([1]) ĠU L 198, 22.7.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2007 (ĠU L 98, 13.4.2007, p. 3).

5. Meta jiġu sodisfatti l-kriterji mniżżla fl-Anness V, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-densità ta' stokkjar massimu msemmija fil-paragrafu 4 tiżdied b'massimu ta' 3 $kg/m^2$.

*Artikolu 4*

**Taħriġ u gwida għall-persuni involuti fil-qasam tat-tiġieġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kustodji li huma persuni fiżiċi rċevew taħriġ suffiċjenti dwar il-kompiti tagħhom u li korsijiet xierqa ta' taħriġ huma disponibbli.

2. Il-korsijiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonċentraw fuq l-aspetti tal-benesseri u jkopru b'mod partikolari l-kwistjonijiet elenkati fl-Anness IV.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun stabbilita sistema għall-kontroll u l-approvazzjoni tal-korsijiet ta' taħriġ. Il-kustodju tat-tiġieġ għandu jkun fil-pussess ta' ċertifikat rikonoxxut mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, li jafferma li dan ikun temm it-tali korsijiet ta' taħriġ jew kiseb esperjenza ekwivalenti għal dan it-taħriġ.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-esperjenza miksuba qabel it-30 ta' Ġunju 2010 bħala ekwivalenti għall-parteċipazzjoni fit-tali korsijiet ta' taħriġ u għandhom joħorġu ċertifikati li jaffermaw it-tali ekwivalenzi.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-ħtiġiet imniżżla fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw ukoll għas-sidien.

6. Is-sid jew il-kustodju għandhom jipprovdu istruzzjonijiet u gwida dwar il-ħtiġiet tal-benesseri ta' l-annimali rilevanti, inklużi dawk rigward il-metodi ta' qtil ipprattikati fl-azjendi, lil persuni impjegati jew imqabbda minnhom biex jieħdu ħsieb it-tiġieġ jew jaqbduhom u jgħabbuhom.

*Artikolu 5*

**Tikkettar tal-laħam tat-tjur**

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-introduzzjoni possibbli ta' skema ta' ttikkettar obbligatorja armonizzata speċifika għal-laħam tat-tiġieġ, il-prodotti tal-laħam u t-tħejjijiet abbażi ta' konformità ma' standards tal-benesseri ta' l-annimali.

Dak ir-rapport għandu jikkunsidra implikazzjonijiet soċjoekonomiċi, effetti fuq l-imsieħba ekonomiċi tal-Komunità u konformità ta' skema ta' ttikkettar bħal din mar-regoli ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi xierqa li jqisu t-tali kunsiderazzjonijiet u l-esperjenza akkwistata mill-Istati Membri fl-applikar ta' l-iskemi voluntarji ta' ttikkettar.

*Artikolu 6*

**Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

1. Abbażi ta' opinjoni xjentifika ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà Alimentari, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 rapport dwar l-influwenza ta' parametri ġenetiċi dwar id-defiċjenzi identifikati li jirriżultaw f'nuqqas ta' benesseri tat-tiġieġ. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-proposti leġiżlattivi xierqa, jekk ikun meħtieġ.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-ġbir tad-*data* abbażi tal-monitoraġġ ta' kampjun rappreżentattiv ta' qatgħa maqtula matul perijodu ta' mill-inqas sena. Sabiex jippermettu analiżi relevanti, it-teħid tal-kampjuni u l-ħtiġiet tad-*data* kif imsemmija fl-Anness III għandhom ikunu bbażati xjentifikament, oġġettivi u komparabbli, u stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11.

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-ġbir ta' *data* għall-fini ta' din id-Direttiva.

3. Abbażi tad-*data* disponibbli u b'kont meħud ta' evidenza xjentifika ġdida, il-Kummissjoni għandha, sa mhux iżjed tard mit-30 ta' Ġunju 2012, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ta' l-influwenza tiegħu fuq il-benesseri tat-tiġieġ, kif ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi tal-benesseri. Ir-rapport għandu jieħu kont tal-kondizzjonijiet u l-metodi ta' produzzjoni differenti. Hija għandha wkoll tieħu kont ta' l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u amministrattivi ta' din id-Direttiva inkluż l-aspetti reġjonali.

*Artikolu 7*

**Spezzjoni**

1. L-awtorità kompetenti għandha twettaq spezzjonijiet mhux diskriminatorji biex tivverifika l-konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

Tali spezzjonijiet għandhom jitwettqu fuq proporzjon xieraq ta' annimali miżmuma f'kull Stat Membru, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti mniżżla mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, u jistgħu jitwettqu fl-istess żmien ta' kontrolli għal finijiet oħra.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ proċeduri xierqa biex jiddeterminaw id-densità ta' l-istokkjar.

2. Kull sena sat-30 ta' Ġunju l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali għas-sena ta' qabel dwar l-ispezzjonijiet previsti fil-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat b'lista ta' l-azzjonijiet l-iktar rilevanti meħuda mill-awtorità kompetenti biex jiġu indirizzati l-problemi ta' benesseri prinċipali identifikati.

*Artikolu 8*

**Gwidi għal prattika tajba ta' maniġġar**

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' gwidi għal prattika tajba ta' maniġġar li għandhom jinkludu gwida dwar il-konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom jiġu inkoraġġuti d-disseminazzjoni u l-użu ta' tali gwidi.

*Artikolu 9*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li tkun taffettwahom.

*Artikolu 10*

**Poteri ta' implimentazzjoni**

Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11.

*Artikolu 11*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([1]) ("il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

*Artikolu 12*

**Traspożizzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010.

Meta Stati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GABRIEL

---

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

*ANNESS I*

**ĦTIĠIET APPLIKABBLI GĦALL-AZJENDI**

Barra mid-dispożizzjonijiet rilevanti f'leġislazzjoni Komunitarja rilevanti oħra, għandhom japplikaw il-ħtiġiet li ġejjin:

*Tagħmir minn fejn jixorbu l-annimali*

1. It-tagħmir minn fejn jixorbu l-annimali għandu jitqiegħed u jkun mantenut b'tali mod li t-tixrid tal-likwidu jiġi minimizzat.

*Għalf*

2. L-għalf għandu jkun jew disponibbli l-ħin kollu jew jingħalef u m'għandux jitneħħa minn ħdejn it-tiġieġ aktar minn 12-il siegħa qabel il-ħin previst tal-qatla.

*Mifrex*

3. It-tiġieġ kollha għandhom ikollhom aċċess permanenti għal mifrex niexef b'wiċċ li jitrammel malajr.

*Ventilazzjoni u tisħin*

4. Il-ventilazzjoni għandha tkun biżżejjed sabiex ma jkunx hemm sħana żejda u, fejn hu meħtieġ, flimkien ma' sistemi ta' tisħin sabiex titneħħa l-indewwa żejda.

*Storbju*

5. Il-livell tal-ħoss għandu jiġi mminimizzat. Il-fannijiet għall-ventilazzjoni, il-makkinarju ta' l-għalf jew tagħmir ieħor għandu jinbena, jitqiegħed, jitħaddem u jiġi mantenut b'tali mod li dan jikkawża l-anqas ammont ta' storbju possibbli.

*Dawl*

6. Il-binjiet kollha għandu jkollhom dawl b'intensità ta' mill-inqas 20 lux matul il-perijodi mdawwla, ikkalkulat fil-livell tal-vista tat-tjur u li jdawwal mill-inqas 80 % taż-żona użabbli. Meta jkun meħtieġ jista' jingħata permess għal tnaqqis temporanju fil-livell tad-dawl wara parir veterinarju.

7. Fi żmien sebat ijiem minn meta t-tiġieġ ikunu tpoġġew fil-bini u sa tlett ijiem qabel il-ħin previst għall-qatla, id-dawl għandu jsegwi ritmu ta' 24 siegħa u jkun jinkludi perijodi ta' dlam li b'kollox idumu għal almenu 6 sigħat, b'mhux inqas minn perijodu wieħed ta' almenu 4 sigħat ta' dlam kontinwu.

*Spezzjoni*

8. It-tiġieġ kollha miżmuma fl-azjenda iridu jiġu spezzjonati almenu darbtjen kuljum. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil sinjali li jindikaw livell imnaqqas ta' benesseri ta' l-annimali u/jew is-saħħa ta' l-annimali.

9. It-tiġieġ li jkunu korruti gravi jew li juru sinjali ċari ta' diżordni ta' saħħa, bħal dawk li jkollhom diffikultajiet biex jimxu, axxite gravi jew malformazzjonijiet gravi, u li aktarx ikunu qed ibatu, għandhom jingħataw il-kura adatta jew jinqatlu minnufih. Għandu jiġi kkuntattjat veterinarju kull meta jkun meħtieġ.

*Tindif*

10. Dawk il-partijiet tal-bini, it-tagħmir jew l-għodod li jkollhom kuntatt mat-tiġieġ għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati sew wara kull darba li titwettaq depopolazzjoni finali, qabel ma tiddaħħal qatgħa ġdida fil-binja. Wara t-tnaqqis finali tal-popolazzjoni ta' binja, il-mifrex kollu għandu jitneħħa, u mifrex nadif għandu jiġi pprovdut.

*Żamma tar-rekords*

11. Is-sid jew kustodju għandu jżomm rekord għal kull binja ta' ażjenda ta':

(a) in-numru ta' tiġieġ introdotti;

(b) iż-żona użabbli;

(ċ) l-ibridu jew in-nisel tat-tiġieġ, jekk ikunu magħrufa;

(d) b’kull kontroll, in-numru ta’ għasafar misjuba mejta b’indikazzjoni tal-kawżi, jekk magħrufa, kif ukoll in-numru ta’ għafasar maqtula b’kawża;

(e) in-numru ta’ tiġieġ li jibqgħu fil-qatgħa wara t-tneħħija tat-tiġieġ għall-bejgħ jew għall-qatla.

Dawk ir-rekords għandhom jinżammu għal perijodu ta’ almenu tliet snin u għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità kompetenti meta din twettaq spezzjoni jew meta jintalbu għal xi raġuni oħra.

*Interventi kirurġiċi*

12. L-interventi kirurġiċi kollha mwettqa għal raġunijiet oħra għajr għal għanijiet terapewtiċi jew djanjostiċi li jirriżultaw f’dannu għall-parti sensittiva tal-ġisem jew fit-telfien tagħha jew fl-alterazzjoni ta’ l-istruttura skeletali huma projbiti.

Madankollu, il-qtugħ tal-munqar jista’ jiġi awtorizzat mill-Istati Membri meta jiġu eżawriti miżuri oħrajn għall-prevenzjoni tat-tnaqqir tar-rix jew tal-kannibaliżmu. F’tali każijiet, dan għandu jitwettaq biss wara konsultazzjoni jew fuq parir ta’ veterinarju u għandu jitwettaq minn persunal kwalifikat fuq tiġieġ li għandhom anqas minn għaxart ijiem. Barra minn dan, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-kastrazzjoni tat-tiġieġ. Il-kastrazzjoni għandha titwettaq biss taħt superviżjoni veterinarja minn persunal li jkun ingħata taħriġ speċifiku.

*ANNESS II*

## REKWIŻITI GĦALL-UŻU TA' DENSITAJIET OGĦLA TA' STOKKJAR

*Notifika u dokumentazzjoni*

Għandhom japplikaw il-ħtiġiet li ġejjin:

1. Is-sid jew il-kustodju għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti l-intenzjoni tiegħu li juża densità ta' stokkjar ta' aktar minn 33 kg/m$^2$ f'piż ta' annimali ħajjin.

   Huwa għandu jindika l-figura eżatta u jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla fl-użu ta' densità ta' stokkjar mill-anqas 15-il ġurnata qabel it-tqegħid tal-qatgħa fil-binja.

   Jekk mitluba mill-awtorità kompetenti, dik in-notifika għandha tkun akkompanjata b'dokument li jagħti sommarju ta' l-informazzjoni li tinsab fid-dokumentazzjoni meħtieġa taħt il-punt 2.

2. Is-sid u l-kustodju għandhom iżommu u jħallu disponibbli fil-binja dokumentazzjoni kompilata li tiddeskrivi fid-dettall is-sistemi ta' produzzjoni. B'mod partikolari hija għandha tinkludi informazzjoni dwar dettalji tekniċi tal-binja u t-tagħmir bħal:

   (a) pjanta tal-binja inklużi d-dimensjonijiet ta' l-uċuħ okkupati mit-tiġieġ;

   (b) is-sistema ta' ventilazzjoni u, fejn rilevanti, iffriskar u tisħin, inkluż fejn jinsabu, il-pjan ta' ventilazzjoni, parametri dettaljati tal-kwalità ta' l-arja mmirata, bħall-fluss ta' l-arja, il-veloċità ta' l-arja u t-temperatura;

   (ċ) is-sistemi ta' għalf u tisqija u fejn jinsabu;

   (d) sistemi ta' allarm u sistemi ta' kontinġenza fil-każ li ma jaħdimx kwalunkwe tagħmir awtomat jew mekkaniku essenzjali għas-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali;

   (e) it-tip ta' l-art u l-mifrex li normalment jintuża;

Id-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti kull meta tintalab u għandha tinżamm aġġornata. B'mod partikolari, għandhom jiġu rreġistrati l-ispezzjonijiet tekniċi tas-sistema ta' l-allarm u l-ventilazzjoni.

Is-sid jew il-kustodju għandhom jikkomunikaw lill-awtorità kompetenti kwalunkwe bidla fil-binja, it-tagħmir jew il-proċeduri deskritti li x'aktarx jaffettwaw il-benesseri ta' l-għasafar mingħajr dewmien żejjed.

*Ħtiġiet għall-azjendi - kontroll tal-parametri ambjentali*

3. Is-sid jew il-kustodju għandu jiżgura li kull binja ta' azjenda tkun mgħammra b'sistemi ta' ventilazzjoni u, jekk meħtieġ, tisħin u ffriskar imfassla, mibnija u mħaddma b'tali mod li:

   (a) il-konċentrazzjoni ta' ammonja ($NH_3$) ma taqbiżx l-20 ppm u l-konċentrazzjoni ta' dijossidu karboniku ($CO_2$) ma taqbiżx it-3 000 ppm imkejla fuq il-livell ta' rjus it-tiġieġ;

   (b) it-temperatura ta' ġewwa, meta t-temperatura ta' barra mkejla fid-dell taqbeż it-30 °C, ma taqbiżx din it-temperatura ta' barra b'aktar minn 3 °C;

   (ċ) il-medja ta' l-umdità relattiva imkejla ġewwa l-binja matul 48 siegħa ma teċċedix is-70 % meta t-temperatura ta' barra hija anqas minn 10 °C

*ANNESS III*

**MONITORAĠĠ U AZZJONI TA' SEGWITU FIL-BIĊĊERIJA**

**(kif imsemmija fl-Artikolu 3(1))**

1. *Mortalità*

1.1. Fil-każ ta' densitajiet ta' stokkjar ogħla minn 33 kg/m2 id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-qatgħa għandha tinkludi r-rata ta' mortalità ta' kuljum u r-rata ta' mortalità kumulattiva ta' kuljum ikkalkulata mis-sid jew il-kustodju u l-ibridu jew in-nisel tat-tiġieġ.

1.2. Taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali din id-*data* kif ukoll in-numru ta' brojlers mejta mal-wasla għandha tiġi rreġistrata, b'indikazzjoni ta' l-azjenda u l-binja ta' l-azjenda. Il-plawżibbiltà tad-*data* u r-rata ta' mortalità ta' kuljum kumulattiva għandha tiġi ċċekkjata b'kont meħud tan-numru ta' brojlers maqtula u n-numru ta' brojlers mejta mal-wasla fil-biċċerija.

2. *Spezzjoni post-mortem*

Fil-kuntest tal-kontrolli mwettqa taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-veterinarju uffiċjali għandu jevalwa r-riżultati ta' l-ispezzjoni post-mortem biex jidentifika indikazzjonijiet oħra possibbli ta' kondizzjonijiet ta' benesseri ħżiena bħal livelli mhux normali ta' dermatite tal-kuntatt, parassitiżmu u mard sistematiku fl-azjenda jew fil-binja ta' l-azjenda ta' l-oriġini.

3. *Komunikazzjoni tar-riżultati*

Jekk ir-rata tal-mortalità kif imsemmija fil-paragrafu 1 jew ir-riżultati ta' l-ispezzjoni post-mortem kif imsemmija fil-paragrafu 2 ikunu jaqblu ma' kondizzjonijiet fqar ta' benesseri ta' l-annimali, il-veterinarju uffiċjali għandu jibgħat id-*data* lis-sid jew lill-kustodju ta' l-annimali u lill-awtorità kompetenti. Is-sid jew il-kustodju ta' l-annimali u l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet adegwati.

*ANNESS IV*

**TAĦRIĠ**

Il-korsijiet ta' taħriġ imsemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 4(2) għandhom almenu jkopru l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tat-tiġieġ u b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-Annessi I u II;

(b) il-fiżjoloġija, b'mod partikolari l-ħtiġijiet ta' l-għalf u t-tisqija, l-imġiba ta' l-annimali u l-kunċett ta' l-istress;

(ċ) l-aspetti prattiċi tal-maniġġar bir-reqqa tat-tiġieġ, u l-qbid, it-tgħabbija u t-trasport;

(d) it-trattament tat-tiġieġ f'każ ta' emerġenza, il-qtil u t-tbiċċir f'emerġenza;

(e) miżuri preventivi ta' bijosigurtà.

*ANNESS V*

**KRITERJI GĦALL-UŻU TA' DENSITÀ TA' STOKKJAR MIŻJUDA**

**(kif imsemmija fl-Artikolu 3(5))**

1. *Kriterji*

(a) il-monitoraġġ ta' l-azjenda imwettaq mill-awtorità kompetenti fl-aħħar sentejn ma żvela l-ebda defiċjenzi fir-rigward tal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, u

(b) il-monitoraġġ mis-sid jew mill-kustodju ta' l-azjenda qed isir bl-użu tal-gwidi għall-prattika ta' ġestjoni tajba msemmija fl-Artikolu 8, u

(ċ) f'mill-anqas seba' qtajja' konsekuttivi, iċċekkjati sussegwentament minn dar, il-mortalità kumulattiva ta' kull ġurnata kienet taħt 1 % + 0.06 % multiplikata mill-età tal-qatla tal-qatgħa f'jiem.

Jekk ma twettaq l-ebda monitoraġġ mill-awtorità kompetenti fl-aħħar sentejn, mill-inqas monitoraġġ wieħed għandu jitwettaq biex jiġi vverifikat jekk il-ħtieġa a) ġietx sodisfatta.

2. *Ċirkostanzi eċċezzjonali*

Permezz ta' deroga minn 1 ċ), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi żżid id-densità ta' l-istokk meta s-sid jew il-kustodju jkunu taw spjegazzjoni suffiċjenti għan-natura eċċezzjonali ta' rata akbar ta' mortalità kumulattiva ta' kuljum jew ikun wera li l-kawżi jinsabu barra mill-kontroll tiegħu.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### ta' l-10 ta' Lulju 2007

### li tawtorizza l-Awstrija tikkonkludi ftehim ma' l-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2007/485/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 396 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 396(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru jikkonkludi ma' pajjiż terz ftehim li jista' jkollu deroga minn dik id-Direttiva.

(2) Permezz ta' ittra reġistrata mas-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru 2005, l-Awstrija talbet għal awtorizzazzjoni biex tikkonkludi ftehim ma' l-Iżvizzera relatat mal-bini ta' impjant ta' l-enerġija transkonfinali max-xmara Inn bejn Prutz (Awstrija) u Tschlin (Żvizzera).

(3) Bi qbil ma' l-Artikolu 396(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra b'ittra li ġġib id-data ta' l-1 ta' Marzu 2007 bit-talba li saret mill-Awstrija. B'ittra li ġġib id-data tas-6 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Awstrija li kellha l-informazzjoni kollha li dehrilha li kellha bżonn biex tivvaluta t-talba.

(4) Il-ftehim għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li jidderogaw mill-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' merkanzija importata fl-Awstrija relatata ma' l-impjant ta' l-enerġija transkonfinali. Dawn l-importazzjonijiet ta' merkanzija mill-Iżvizzera għall-Awstrija minn persuni taxxabbli bi dritt sħiħ ta' tnaqqis ma jkunux soġġetti għall-VAT sabiex arranġament simili jinkiseb mill-Iżvizzera għal merkanzija importata mill-Awstrija għall-Iżvizzera.

(5) Id-deroga għalhekk mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi tal-Komunitajiet Ewropej tagħhom stess miġbura mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B' dan l-Awstrija qed tiġi awtorizzata tikkonkludi Ftehim ma' l-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mid-Direttiva 2006/112/KE li tkopri l-bini, il-manteniment, it-tiġdid u l-operat ta' impjant ta' l-enerġija transkonfinali max-xmara Inn bejn Prutz (Awstrija) and Tschlin (Żvizzera).

Id-dispożizzjonijiet tal-VAT li jidderogaw fir-rigward tal-Ftehim huma stabbiliti fl-Artikolu 2.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2006/138/KE (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 92).

*Artikolu 2*

B' deroga mill-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-merkanzija importata minn persuni taxxabbli bi dritt sħiħ ta' tnaqqis mill-Iżvizzera għall-Awstrija m'għandiex tkun soġġetta għall-VAT, sakemm din tintuża għall-bini, il-manteniment, it-tiġdid u l-operat ta' l-impjant transkonfinali msemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-20 ta' Diċembru 2006**

**dwar proċedura skond l-Artikolu 65 tat-Trattat li istabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar**

**(Każ Nru COMP/F/39.234 – Alloy surcharge – adozzjoni mill-ġdid)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 6765)*

**(Il-verżjoni Ġermaniża biss hija awtentika)**

(2007/486/KE)

*Fl-20 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar proċedura taħt l-Artikolu 65 tat-Trattat tal-KEFA. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill* ([1]) *1/2003, il-Kummissjoni qiegħda fil-preżenti tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni, inkluża l-penalità imposta, b'ħarsien ta' l-interessi leġittimi ta' l-impriżi fil-protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali tagħhom. It-test sħiħ tad-deċiżjoni, bit-tnaqqis ta' dawk il-partijiet dwar liema l-kumpanija tista' leġittimament titlob il-kunfidenzjalità, tista' tinstab fuq il-websajt tad-DĠ COMP fl-indirizz http://europa.eu.int/comm/competition/index_en.html fil-lingwa awtentika tal-każ.*

### ID-DESTINATARJU, MIN JAGĦMEL IL-KSUR U L-KSUR

(1) Id-deċiżjoni hija indirizzata lil TKS (ThyssenKrupp Stainless AG) għall-komportament ta' TS-AG (Thyssen Stahl AG). TKS assumiet volontarjament ir-responsabbiltà għall-komportament ta' TS-AG, ta' l-inqas għas-snin 1993/1994, permezz ta' dikjarazzjoni espliċita lill-Kummissjoni fit-23 ta' Lulju 1997.

(2) TS-AG ipparteċipat fis-16 ta' Diċembru 1993, sakemm waqfet tkun ekonomikament attiva fis-settur ta' l-*istainless steel* fil-31 ta' Diċembru 1994, fi ksur waħdieni u kontinwu kontra l-Artikolu 65 tat-Trattat tal-KEFA bl-iffissar ta' prezzijiet għal-liegi użati fis-settur ta' l-*istainless steel* fl-Ewropa tal-Punent.

### IL-PROĊEDURA

(3) Id-deċiżjoni tikkonċerna l-adozzjoni mill-ġdid tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/247/KEFA tal-21 ta' Jannar 1998 ([2]). Din id-deċiżjoni ġiet parzjalment annullata mill-Qrati ([3]) għal raġunijiet proċedurali. Il-Qrati sabu li l-Kummissjoni ppenalizzat lil TKS fl-1998 għall-komportament ta' TS-AG mingħajr ma' tatha l-opportunità tagħmel il-kummenti tagħha dwar dan il-komportament qabel l-impożizzjoni tal-penalità. Dan kiser id-dritt ta' TKS li tagħmel il-każ tagħha.

(4) Fl-24 ta' April 2006 il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil TKS bl-għan li tikkoreġi l-iżball proċedurali kif indikat mill-Qrati.

### L-OPERAZZJONI TAL-KARTELL

(5) L-*alloy surcharge* huwa element tal-prezz ikkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-liegi u ġie miżjud mal-prezz bażiku ta' l-*istainless steel*. L-ispiża tal-liegi użati mill-produtturi ta' l-*istainless steel* (nikil, kromju u molibdenu) laħqet proporzjon kbir ħafna ta' l-ispiża totali tal-produzzjoni. Il-prezzijiet ta' dawn il-liegi kienu ferm volatili.

(6) Il-prezzijiet tal-liegi u l-*istainless steel* waqgħu f'daqqa fl-1993. F'Settembru 1993 meta l-prezzijiet tan-nikil bdew jogħlew, kien hemm tnaqqis konsiderevoli fil-profitti tal-produtturi. Sabiex dan jiġi rimedjat, il-produtturi ta' prodotti *stainless flat* qablu li jiltaqgħu f'Madrid fis-16 ta' Diċembru 1993. Sussegwentement saru diversi kuntatti bejn il-produtturi rigward il-kalkolu u l-implimentazzjoni ta' l-*alloy surcharge*.

---

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

([2]) Każ IV.35.814, *Alloy Surcharge*, ĠU L 100, 1.4.1998, p. 55.

([3]) T-45/98 u T-47/98, 13.12.2001, Krupp Thyssen Stainless GmbH u Acciai Terni SpA/Kummissjoni, ECR 2001, II-3757 u C-65/02 P u C-73/02P, 14.7.2005, ThyssenKrupp Stainless GmbH u ThyssenKrupp Acciai speciali Terni SpA/Kummissjoni.

(7) Id-deċiżjoni sabet li TS-AG flimkien ma' impriżi oħra mmodifikat u applikat b'mod miftiehem il-valur ta' referenza użat sabiex jiġi kkalkulat l-*alloy surcharge*. Dan għandu kemm l-għan u kif ukoll ir-riżultat ta' restrizzjoni u distorzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni.

**L-APPLIKAZZJONI TAT-TRATTAT TAL-KEFA**

(8) Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-regoli sostantivi tat-Trattat tal-KEFA għandhom jiġu applikati għall-ksur tal-kartell peress li t-Trattat tal-KEFA kien fis-seħħ fiż-żmien tal-ksur (1993/1994). Ma kienx hemm indikazzjoni għall-applikazzjoni tal-*lex mitior*.

**IR-RESPONSABBILTÀ TA' TKS GĦAL TS-AG**

(9) Id-deċiżjoni ssib lil TKS responsabbli għall-komportament ta' TS-AG wara li tikkunsidra d-dikjarazzjoni ta' TKS tat-23 ta' Lulju 1997 u tiċċara li ma kinetx qed tinvoka l-kunċett tas-suċċessjoni legali jew ekonomika.

(10) Id-dikjarazzjoni ta' l-1997 ma kinetx mistħarrġa fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas ma tmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt jew il-prattika tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

**PRESKRIZZJONI**

(11) Id-deċiżjoni tikkonkludi li ma hemmx preskrizzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni minħabba s-sospensjoni matul il-proċeduri tal-Qorti.

**MULTI**

**Ammont Bażiku**

*Gravità*

(12) Sabiex jiġi garantit li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn id-destinatarji tad-Deċiżjoni 98/247/KEFA ta' l-1998, il-ksur huwa meqjus bħala wieħed serju (ammont jibda minn € 4 miljun).

*Tul ta' żmien*

(13) L-ammont tal-bidu huwa miżjud b'10 % peress li l-ksur seħħ matul perjodu itwal minn sena (mis-16 ta' Diċembru 1993 sal-31 ta' Diċembru 1994).

*Ċirkostanzi li jnaqqsu l-piena*

(14) Skond id-Deċiżjoni 98/247/KEFA ta' l-1998 l-ammont tal-bidu jitnaqqas b'10 % peress li s-sitwazzjoni ekonomika tas-settur kienet kritika.

**L-applikazzjoni ta' l-Avviż ta' Klemenza ta' l-1996**

(15) B'applikazzjoni ta' l-Avviż ta' l-1996 dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis ta' multi f'każi ta' kartell u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ([1]), il-multa hija mnaqqsa b'20 % oħra minħabba l-parteċipazzjoni ta' TKS fl-għajnuna mogħtija lill-Kummissjoni fl-istabbiliment tal-fatti. Għalhekk, il-multa hija € 3 168 000.

([1]) Para 281 ta' T-45/98 u T-47/98, 13.12.2001, Krupp Thyssen Gmbh u Acciai Temi SpA/Kummissjoni, ECR 2001, II-3757.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Lulju 2007

## dwar l-allokazzjoni lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjoni VIIe ta' l-ICES

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3212)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2007/487/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet (stokkijiet) ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([1]), u b'mod partikolari l-punt 9 ta' l-Anness IIC, tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mir-Renju Unit,

Billi:

(1) Il-punt 7 ta' l-Anness IIC tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 jispeċifika l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar (192) li fihom bastimenti Komunitarji ta' tul kumplessiv massimu ta' 10 metri jew aktar li jkollhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew akbar jew xbieki statiċi, fosthom għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil b'qies il-malji ta' anqas minn 220 mm jistgħu jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe ta' l-ICES mill-1 ta' Frar 2007 sal-31 ta' Jannar 2008.

(2) Il-punt 9 ta' dak l-Anness jippermetti lill-Kummissjoni talloka għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jkun preżenti f'dik iż-żona filwaqt li jkollu abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu jew xbieki statiċi, abbażi ta' waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew mill-1 ta' Jannar 2004.

(3) Ir-Renju Unit ressaq *data* li turi li l-bastimenti, li jkunu waqfu mill-attivitajiet mill-1 ta' Jannar 2004, kejlu tnaqqis ta' 5.24 % fl-isforz tas-sajd eżerċitat fis-sena 2003, meħuda bħala perjodu ta' referenza għal bastimenti preżenti fiż-żona u li kellhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew akbar.

(4) Fid-dawl tad-*data* mressqa u bl-applikazzjoni tal-metodu previst taħt il-punt 9.1, għaxart ijiem addizzjonali fuq il-baħar għandhom jiġu allokati lir-Renju Unit għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Jannar 2008 għal bastimenti li jkollhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu bħal dawn.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza din id-deċiżjoni tirrifletti l-ammont totali ta' jiem addizzjonali lir-Renju Unit u fiha jitqiesu t-tnax-il jum addizzjonali fuq il-baħar li qabel kienu allokati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/461/KE tas-26 ta' Ġunju 2006 dwar l-allokazzjoni lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali ta' sajd fid-diviżjoni VIIe ta' l-ICES ([2]) peress li dawn il-jiem addizzjonali jibqgħu allokati fl-2007.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-għadd massimu ta' jiem li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tar-Renju Unit u li jkollu abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew aktar jista' jkun preżenti fid-diviżjoni VIIe ta' l-ICES, kif stipulat fit-tabella I ta' l-Anness IIC tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandu jiġi emendat għal 214-il jum fis-sena.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Joe BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif modifikat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 643/2007 (ĠU L 151, 13.6.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 180, 4.7.2006, p. 25.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Lulju 2007

## li tagħti eżenzjonijiet lill-Italja skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE għat-trasport tal-ħnieżer għat-tbiċċir fuq it-toroq privati u pubbliċi lejn il-biċċeriji ġewwa żoni ta' protezzjoni fi Cremona

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3314)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

(2007/488/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li introduċiet miżuri Komunitarji ġenerali għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-mard vexxikolari tal-ħnieżer [1], u b'mod partikolari l-punt 7(2)(d) ta' l-Anness II tagħha,

Billi:

(1) Fis-7 u l-15 ta' Mejju 2007 ġew stabbiliti żoni ta' protezzjoni mill-awtorità kompetenti fl-Italja madwar it-tifqigħat tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer fil-muniċipalitajiet ta' Salvirola u Fiesco, fil-Provinċja ta' Cremona, fi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/119/KEE. Fl-14 ta' Ġunju 2007 ġiet stabbilita żona ta' protezzjoni madwar tifqigħa fil-muniċipaliċità ta' Offanengo, fil-Provinċja ta' Cremona. Iż-żoni ta' protezzjoni huma parzjalment imrikkba fuq xulxin.

(2) Skond dan, l-ispustament u t-trasport tal-ħnieżer fuq toroq pubbliċi u privati ġewwa dawn iż-żoni ta' protezzjoni ġew ipprojbiti.

(3) Madankollu, l-Italja ressqet żewġ talbiet ta' eżenzjoni minn din il-projbizzjoni għat-trasport ta' ħnieżer għat-tbiċċir li joriġinaw minn barra dawn iż-żoni ta' protezzjoni, fuq it-toroq pubbliċi u privati li jinsabu ġewwa ż-żoni ta' protezzjoni, sabiex isir it-trasport tagħhom lejn biċċeriji li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni.

(4) Jixraq li ssir proviżjoni għal dawn iż-żewġ eżenzjonijiet, soġġetta għall-kondizzjoni li l-Italja twettaq miżuri stretti ta' kontroll u ta' prekawzjoni li jiggarantixxu li ma hemm ebda riskju għat-tixrid tal-marda.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/123/KE ta' l-20 ta' Frar 2007 ġiet adottata biex tingħata eżenzjoni bħal din lil biċċerija fiż-żona ta' protezzjoni madwar tifqigħa tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer fil-muniċipalità ta' Romano di Lombardia, fil-Provinċja ta' Bergamo, l-Italja. Il-miżuri stipulati għal din iż-żona ta' protezzjoni m'għadhomx applikati. Skond dan, id-Deċiżjoni 2007/123/KE għandha tiġi rrevokata.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Italja tista' tawtorizza t-trasport tal-ħnieżer għat-tbiċċir li joriġinaw minn barra ż-żoni ta' protezzjoni stabbiliti fis-7 u l-15 ta' Mejju 2007 madwar it-tifqigħat tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer li tfaċċaw fil-muniċipalitajiet ta' Salvirola u Fiesco u ż-żona ta' protezzjoni stabbilita fl-14 ta' Ġunju 2007 madwar it-tifqigħa li seħħet fil-muniċipalità ta' Offanengo, ("il-ħnieżer"), fuq it-toroq pubbliċi u privati ġewwa dawn iż-żoni ta' protezzjoni, lejn il-biċċeriji "2037 M/S" u "523M" ("il-biċċeriji"), soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

Il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 huma kif ġej:

(a) id-dispaċċ tal-ħnieżer għandu jiġi nnotifikat mill-inqas 24 siegħa bil-quddiem mill-veterinarju uffiċjali ta' l-impriża ta' l-oriġini lill-veterinarju uffiċjali tal-biċċerija;

(b) it-trasport tal-ħnieżer lejn il-biċċeriji għandu jsir permezz ta' kuritur; id-dettalji ta' dan il-kuritur għandhom jiġu stipulati minn qabel mill-Italja;

(ċ) il-vetturi li jittrasportaw il-ħnieżer għandhom ikunu ssiġillati mill-awtorità kompetenti minn qabel jew mad-dħul fil-kuritur; fil-ħin ta' l-issiġillar, l-awtorità kompetenti għandha tieħu nota tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u l-għadd ta' ħnieżer ittrasportati fiha;

[1] ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/10/KE (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 24).

(d) mal-wasla tagħhom fil-biċċerija, l-awtorità kompetenti għandha:

(i) tispezzjona u tneħħi s-siġill ta' fuq il-vettura;

(ii) tkun preżenti fil-ħin meta jkunu qegħdin iħottu l-annimali;

(iii) tieħu nota tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u l-għadd ta' ħnieżer fuqha.

(e) kull vettura li tittrasporta l-ħnieżer lejn il-biċċerija għandha, minnufih wara l-ħatt, titnaddaf u tiġi diżinfettata taħt kontroll uffiċjali u skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti, qabel mal-vettura titlaq mill-biċċerija.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 2007/123/KE hija revokata.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Italja.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Lulju 2007

## li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda fil-ġlieda kontra l-marda ta' Newcastle fid-Danimarka fl-2005

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3315)*

**(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)**

(2007/489/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([1]), u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(4) tagħha,

Billi:

(1) Tifqigħat tal-marda ta' Newcastle feġġew fid-Danimarka fl-2005. Il-feġġ ta' din il-marda ppreżenta periklu serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.

(2) Għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda u biex tingħata għajnuna għall-eradikazzjoni tagħha kemm jista' jkun malajr, il-Komunità għandha tikkontribwixxi fin-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru skond il-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-ġlieda kontra l-marda, kif inhu previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/579/KE ta' l-24 ta' Awwissu 2006 li tikkonċerna kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-marda ta' Newcastle fid-Danimarka fl-2005 ([2]) ikkonċediet kontribuzzjoni finanzjarja bir-rata ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli għall-iffinanzjar tal-Komunità għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda biex tiġi miġġielda t-tifqigħa.

(4) Skond din id-Deċiżjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas fuq il-bażi tat-talba magħmula mid-Danimarka fit-23 ta' Ottubru 2006 u d-dokumenti ta' evidenza kif stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabbilixxi r-regoli dwar l-iffinanzjar mill-Komunità ta' miżuri ta' emerġenza u tal-kampanja biex jiġi miġġieled ċertu mard ta' l-annimali skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ([3]).

(5) Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, issa għandu jiġi ffissat l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa eliġibbli mġarrba marbuta mal-qerda tal-marda ta' Newcastle fid-Danimarka fl-2005.

(6) Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli veterinarji tal-Komunità u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji jfissru li l-ammont kollu tan-nefqa mressaq ma jistax jiġi rikonoxxut bħala eliġibbli.

(7) Il-kummenti tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lid-Danimarka f'ittra bid-data tat-8 ta' Marzu 2007.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità għan-nefqa marbuta mal-qerda tal-marda ta' Newcastle fid-Danimarka fl-2005 skond id-Deċiżjoni 2006/579/KE ġiet iffissata għal EUR 219 385,67.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU L 232, 25.8.2006, p. 40.

([3]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

# FTEHIM

# KUNSILL

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Shubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra** ([1])

Il-Komunità Ewropea u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja innotifikaw lil xulxin fit-28 ta' Ġunju 2007 u t-2 ta' Lulju 2007 rispettivament li l-proċeduri ta' adozzjoni tagħhom ġew ikkompletati.

Il-Ftehim għaldaqstant daħal fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 16 tiegħu.

([1]) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4.